**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta 22 ta' Settembru, 2015**

**Rikors numru:- 56/2011 JVC**

**Geoffrey Spiteri**

**Vs**

**Saviour Galea u b'digriet tal-erbgha u ghoxrin ta' Mejju elfejn u tnax is-socjeta assikuratrici Citadel Insurance Plc giet awtorizzata tintervjeni *in statu et terminis***

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat fejn l-attur ippremetta:-

Illi fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Dicembru 2009, ghal xi t-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar (15.30) waqt li l-attur kien qed isuq il-mutur tieghu tal-ghamla Honda bin-numru ta' registrazzjoni KBJ-796 fi Triq Qasam San Pawl, Kercem, Ghawdex, huwa kien involut f'habta ma' vettura tal-ghamla Vauxhall Astra bin-numru tar-registrazzjoni EBA-295, li kienet qed tinstaq mill-konvenut Saviour Galea gej mid-direzzjoni opposta meta habta u sabta l-konvenut li kien gej min-naha tal-Ghadira, ghamel manuvra perikoluza u azzardata li mblokkat il-karreggjata tal-mutur tal-attur meta gie biex jghaddi minn bejn karozza u truck li kien hemm ipparkeggjati fuq kull genb tat-triq u rrenda l-habta mal-mutur tal-attur wahda nevitabbli li gie rinfaccjat b'emergenza subitanea bil-manuvra adoperata mill-istess konvenut bil-konsegwenza li l-attur tilef il-kontroll tal-mutur tieghu u spicca wegga' gravament minbarra li ghamel hsarat estentivi fil-mutur tieghu;

Illi dan l-incident gara unikament minhabba traskuragni grassa, b'negligenza u b'imperizja, u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Saviour Galea fis-sewqan tieghu;

Illi minhabba dan l-incident ir-rikorrent sofra danni ngenti konsistenti sew f'danni materjali fuq il-mutur u kif ukoll telf ta' qliegh futur minhabba debilitazzjoni fizika permanenti f'siequ l-leminija;

Illi l-konvenut minkejja li gie nterpellat diversi drabi sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mir-rikorrent huwa baqa' inadempjenti.

Talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-incident oggett ta' dan ir-rikors guramentat gara unikament htija tal-konvenut minhabba sewqan traskurat, b'imperizja, u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;

2. Tillikwida d-danni kollha konsegwentement sofferti mill-attur kemm ghal dawk il-griehi ta' natura permanenti li sofra f'siequ l-leminija u kif ukoll griehi ohra, u ghall-hsara li garrab fuq il-mutur;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur d-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' April 2010 (Ittra numru 198/2010), tat-23 ta' Gunju 2011 (Ittra numru 427/2011), u dik ipprezentata kontestwalment ma' din il-kawza kontra l-konvenut, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsab imharrek.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li ddikjara:-

1. Illi l-konvenut bl-ebda mod u manjiera ma huwa responsabbli ghall-incident in kwistjoni, liema incident gara unikament tort u htija tal-istess Geoffrey Spiteri u dana minhabba imprudenza, negligenza, traskuragni u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess attur, u dana hekk kif ser jigi pruvat dettaljament waqt it-trattazzjoni tal-kaz;

2. Illi ma huwiex minnu li l-istess konvenut ghamel '*manuvra azzardata li mblokkat il-kareggjata tal-mutur tal-attur*', u dana peress li l-istess konvenut kien ghaddej fi triqtu u kien diga' jinsab bejn il-karozza u t-truck li kien hemm ipparkjati fuq iz-zewg nahiet tat-triq, meta sab lill-istess attur ma' wiccu. Infatti l-attur kien ghaddej bi speed eccessiv f'inhawi mibnija, hekk kif jixhdu l-istess brake marks ta' disgha punt hames metri (9.5m) maghmula mill-mutur tal-attur kif ukoll it-tip ta' mutur li kien qieghed isuq, li huwa *srambler* u ntiz ghall-giri, u dan nonostanti li kien qieghed idur ma' blind corner u kien ghalhekk li konsegwentement tilef il-kontroll tal-mutur tieghu;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenut fic-cirkustanzi kollha tal-kaz, ezercita l-akbar diligenza u waqqaf il-vettura tieghu meta ra lill-mutur tal-attur gej ghal fuqu u dana minghajr ma halla brake marks li minnu nnifsu huwa sinifikattiv ta' kemm l-azzjoni tal-konvenut kienet wahda naturali u mhux azzardata u perikoluza hekk kif qed jipprova jpengiha l-attur;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Rat l-affidavits, xhieda, ritratti, rapporti u dokumenti kollha esebiti fl-atti;

Rat illi permezz ta' digriet datat l-24 ta' Mejju, 2012 din il-Qorti diversament preseduta laqghet it-talba tas-Socjeta' assikuratrici Citadel Insurance plc sabiex tintervjeni *in statu et terminis;*

Accediet fuq il-post tal-incident u hadet konjizzjoni tieghu nhar il-11 ta' Frar, 2015;

Rat illi fil-verbal tad-9 ta' April, 2015 il-partijiet qablu li l-kawza tmur ghad-decizjoni bil-partijiet gew awtorizzati jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet entro terminu mpost fuqhom.

Rat ir-rapporti tal-esperti nominati mill-Qorti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti fil-qosor f'din il-kawza huma li l-partijiet kienu nvoluti f'incident awtomobilistiku nhar is-26 ta' Dicembru, 2009 ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar (15.30). L-attur isostni li kien qed isuq il-mutur tieghu tal-ghamla Honda bin-numru ta' registrazzjoni KBJ-796 fi Triq Qasam San Pawl, Kercem, Ghawdex u kien involut f'habta ma' vettura tal-ghamla Vauxhall Astra bin-numru tar-registrazzjoni EBA-295 misjuqa mill-konvenut Saviour Galea li kien gej mid-direzzjoni opposta cioe' min-naha tal-Ghadira. L-incident sehh fil-mument li fejn f'parti minn din it-triq din tigi ghal-liwja, il-konvenut sab zewg vetturi pparkjati fuq kull naha tat-triq u ghalhekk sabiex ikun jista' jkompli fit-triq tieghu kellu bilfors jaqla' ftit 'il barra biex jghaddi minn bejn iz-zewg vetturi. Dak il-hin kien gej il-konvenut mid-direzzjoni opposta li malli ra l-vettura ta' Saviour Galea inhasad, ibrejkja u jsostni li r-rota tal-mutur illukkjat u l-mutur baqa' miexi lejn il-genb sakemm habat mal-vettura tal-konvenut, l-attur tar minn fuq il-mutur u wara li habat u rrombla fuq il-vettura tal-konvenut waqa' fuq wara tal-istess vettura tal-konvenut. Il-mutur waqa' quddiem il-vettura tal-konvenut.

L-attur isostni li l-incident kien rizultat tal-manuvra perikoluza u azzardata li ghamel il-konvenut li skont l-attur imblokka l-karreggjata tal-mutur tal-attur meta gie biex jghaddi minn bejn iz-zewg vetturi li kien hemm ipparkjati fuq kull genb tat-triq u skont l-attur il-konvenut irrenda l-habta mal-mutur tal-attur wahda nevitabbli stante li l-attur isostni li gie rinfaccjat b'emergenza subitanea bil-konsegwenza li l-attur tilef il-kontroll tal-mutur tieghu. L-attur isostni li konsegwenza tal-incident in kwistjoni huwa sofra debilita' permanenti.

Il-konvenut da parti tieghu jichad l-allegazzjonijiet fil-konfront tieghu u jsostni li l-htija tal-incident tinkombi unikament fuq l-attur Geoffrey Spiteri, jichad li huwa ghamel xi manuvra azzardata li mblokkat il-karreggjata tal-mutur tal-attur u jsostni li meta sehh l-incident huwa gia kien bejn iz-zewg vetturi pparkjati u kien l-attur li nonostante li kien jinsab qalb il-bini u kien qed isuq lejn kantuniera li baqa' gej bi velocita' eccessiva u kien ghalhekk li tilef il-kontrol tal-mutur tieghu. Il-konvenut jaghmel emfasi fuq il-fatt li huwa waqaf mill-ewwel malli ra lill-attur gej

lejh bil-mutur minghajr ma halla l-ebda 'brake-marks' filwaqt li l-attur halli 'brake-marks' ta' disgha punt hames metri (9.5m) qabel habat mal-vettura tal-konvenut.

**Provi:**

Illi mill-assjem tal-provi ma jirrizultax lil din il-Qorti li hemm xi divergenzi kbar bejn il-partijiet dwar kif sehh l-incident anki ghaliex gie esebit ritratt pjuttost car ta' kif waqfet il-vettura tal-attur malli sehh l-incident u li jinsab esebit a fol. 209 tal-process kif ukoll stante li l-attur kellu jsuqu hdejh u warajh tliet persuni ohra li lkoll taw il-versjoni ta' dak li raw mill-incident. Jidher li l-akbar divergenza bejn il-partijiet hija dwar jekk l-intimat rax lill-attur qabel ma saq il-vettura tieghu bejn iz-zewg vetturi pparkjati.

Mill-assjem tal-provi jirrizulta s-segwenti:

1. Illi huwa minnu li l-attur kien ghaddej isuq il-mutur tieghu Honda KBJ-796 fi Triq Qasam San Pawl, Kercem, Ghawdex. Flimkien mieghu kien hemm Mark Anthony Camilleri li kien qed isuq il-mutur mieghu jew kwazi mieghu izda aktar lejn ix-xellug filwaqt li l-attur kien aktar lejn nofs it-triq. Warajhom izda aktar mbeghdin minnhom kien hekk ukoll Geoffrey Spiteri u Vincent Xuereb.

2. Il-Qorti tqis li x-xhieda moghtija minn Mark Anthony Camilleri (fol. 32 et seq), li tista' tghid kien xhud okulari tal-incident kif sehh hija wahda konsistenti u veritiera u mill-istess xhieda tislet is-segwenti:

'Waqt li konna qed insuqu f'din it-triq Geoffrey Spiteri kien fuq quddiem. Jien kont qed insuq warajh aktar lejn in-naha tax-xellug tat-triq. . . . Waqt li konna ghaddejjin minn Triq Qasam San Pawl nghid li din it-triq m'hijiex triq dritta pero' hemm liwja u kif dorna l-liwja jien rajt il-karozza tas-sinjur. Il-vettura kienet ghan-nofs tat-triq u dan kien peress li hemm il-vettura pparkjata fil-genb. Jien kif rajt hekk rajt kif kont se nghaddi u ghaddejt minn bejn il-karozza u t-trakk li kien ipparkjat fuq in-naha tax-xellug tat-triq. U Geoffrey Spiteri lahaq habat. Pero' jien irnexxieli nghaddi. Il-mutur mar la genba fuq in-naha tal-lemin. Korrezzjoni, ir-rota ta' wara marret fuq in-naha tal-lemin, u b'hekk spicca li l-mutur habat mal-karozza la genba, u saqajh fuq in-naha tal-lemin giet bejn il-mutur u l-karozza. Nghid illi kif kien hemm

il-mutur u l-vettura, bil-momentum stess li gie kreat mill-impatt, Geoffrey Spiteri tar u gie qabez il-karozza u gie wara l-karozza. . . . Nispjega li jidhirli li f'din it-triq m'hemmx sinjali fit-triq, pero' nghid ukoll li t-tnejn li ahna konna qed insuqu fuq in-naha tax-xellug, lejn in-naha tax-xellug tat-triq, biss pero' jien kont qieghed aktar fuq in-naha man-naha tal-hajt. Nghid li rigward vetturi pparkjati fuq naha jew ohra tat-triq, nghid li fuq in-naha taghna kien hemm trakk abjad ipparkjat. Dan fejn kien ipparkjat quddiemu t-triq terga' tidjieq. U n-naha l-ohra tat-triq kien hemm van, pickup ta' kulur blue. U nghid li l-karozza tas-sinjur kienet qisha in between ta' dawn iz-zewg vetturi . . . Nghid x'kien c-cirkustanzi li lili permettewli biex nibqa' ghaddej minn dawn iz-zewg vetturi, nghid li ovvjament kienet kwistjoni ta' *split of a second*. Fil-fatt jien rajt l-impatt u mbghad ghafast il-brake bil-mod il-mod ghax kieku ghafastu f'salt allura kien se jigrili propju kif gara lil Geoffrey Spiteri u kont niskidja. Jien rajt jekk kienx hemm x'imkien minn fejn nghaddi. U jien rajt dan l-ispazju u ghaddejt minnu. Qed nigi mistqosi meta sar l-impatt jien kemm kont 'il boghod mill-vettura nghid li jien ma kontx daqshekk 'il boghod. Nista' nghid li hu habat u jien bqajt ghaddej. Qed nigi mistoqsi f'liema mument jien bdejt inzomm il-brejk nghid li jiena ma zammejtx il-brejk nghid li jien ma zammejtx il-brejk meta rajt l-impatt pero' bdejt inzomm il-brejks qabel ghax kont rajt il-vettura. . . Jien ghalija aktar kien hazin il-pick up blue billi peress biex jghaddi s-sinjur kellu bilfors jaqla'. Qed nigi mistoqsi jekk x'hin rajt il-vettura tal-konvenut din kinitx diga' qalghet il-pick up blue nghid li iva. Gia hemm kienet. Fil-fatt anke mir-ritratt jidher li diga' qeghdha ma' genb. Qed nigi mistoqsi jekk il-vettura tal-konvenut kinitx stazzjonata nghid li meta rajtha jiena wieqfa kienet. . . . . Nghid li x'hin rajt il-vettura kienet stazzjonarja pero' ma nistax nghid x'hin raha Geoffery Spiteri kif kienet. *Brake marks* ta' Geoffrey Spiteri rajthom. Qed nigi mistqosi jekk jien rajtux jitkaxkar disgha punt hames meters (9.5m) ghal gol-vettura nghid li l-*brake marks* huwa l-*brake mark* tar-rota ta' wara. Qed nigi mistoqsi kemm 'il boghod mill-incident jien rajt lil Geoffrey Spiteri mhux fil-kontrol tal-vettura tieghu, Jien nghid li jien ghalija, nghid li hu zamm il-brejk, beda miexi bid-dritt u mbaghad il-mutur telaqlu minn wara. . . . Nghid bhala *speed* konna biss fil-moderat. La konna bi speed baxx u lanqas konna bi speed eccessiv.'

3. Illi l-versjonijiet *a tempo vergine* tal-partijiet jirrizultaw mir-rapport tal-pulizija a fol. 38 et seq tal-process kif isegwi:

- L-intimat sostna li 'jien kont niezel lejn il-pjazza u narah gej fuqi u tela' fuqi'.

- L-attur isostni 'jien kont tiela' t-telgha bil-mutur u sibt it-triq maghluqa minhabba l-karozza li kienet niezla.'

4. L-attur jaghti l-versjoni tieghu ta' kif gara l-incident fl-affidavit a fol. 10 et seq tal-process datat 18 ta' Awissu, 2011 kif isegwi:

'Waqt li kont ghaddej minn Triq Qasam San Pawl, Kercem, jiena rajt il-vettura ta' Saviour Galea gejja mid-direzzjoni opposta, u cioe' min-naha tal-Ghadira. L-ewwel darba li lmahtu gej lill-konvenut konna ghadna 'l boghod minn xulxin sittin jew sebghin pied, u dak il-hin il-karreggjata tieghi kienet ghadha mhix imblukkata bil-vettura tal-konvenut, fis-sens li l-konvenut kien ghadu ma wasalx ghal kollox biswit it-trakk u l-karozza li kien hemm ipparkjati fuq kull genb tat-triq. Ghalhekk dak il-hin li rajtu jien kelli wisgha bizzejjed li nibqa' ghaddej fuq il-karreggjata tieghi Ghalkemm fejn sehh l-incident it-triq tilwi xi ftit lejn ix-xellug, pero' l-vizwali ttik li tara fit-tul kemm minn fejn kont gej jiena kif ukoll minn fejn kien gej il-konvenut. Minkejja li l-konvenut rani gej hu baqa' jsuq ghal fuqi, u meta jiena rajtu li ma cediex u baqa' jsuq u ghalaqli l-karreggjata, jien kont pront ghafast il-brejk tal-mutur u skiddjali u tlift il-bilanc u hbatt *head on* mal-karozza. Mal-impatt jien tirt minn fuq il-mutur, tgerbibt fuq il-vettura tal-konvenut u spiccajt fl-art fuq in-naha ta' wara tal-vettura tal-konvenut. Shabi kienu gejjin isuqu l-mutur warajja. Kont jiena l-ewwel li sibt il-vettura li mblukkatli karreggjata billi kont qed insuq fuq quddiem.'

Fil-proceduri kriminali esebit a fol. 88 tal-process l-attur nhar is-7 ta' Ottubru, 2010 jixhed kif isegwi:

'Nghid illi fejn sehh l-incident parti minnu hemm il-bini. Meta ghidt li kien hemm it-triq maghluqa, cioe' sibt it-triq maghluqa ridt infisser li f'din it-triq kien hemm vetturi pparkeggjati fuq iz-zewg nahat taghha u kien hemm karozza fin-nofs ukoll. Nghid illi jien kont boghod minnha tul ta' din l-awla meta lmahtha din il-vettura. Din il-vettura kienet miexja kienet gejja lejja.

Meta jien lmahtha l-ewwel darba din il-vettura kienet diga' qabdet dawn iz-zewg karozzi pparkeggjati. Jiena pprovajt inzomm il-brejk. Kif

ghafast il-brejk, il-mutur skiddja. Nghid illi kelli diffikluta' biex nikkontrolla l-mutur u ghalhekk kif ibbrejkjat skiddjali, u baqjt diehel fil-vettura. Jiena weggajt saqajja peress illi hbatt jiena stess gol-karozza. Il-mutur ma kellux wisq hsara. Il-vettura l-ohra, kif rani gej ghal fuqu, waqqaf.'

L-intimat Saviour Galea a fol. 121 tal-process ta l-versjoni tieghu tal-incident fil-proceduri kriminali kif isegwi:

'Kont wieqaf jiena, waqaft x'hin rajtu gej . . . ghax rajtu gej u waqaft hu . . . hu kien ghaddej, kien gej bi *speed* sewwa, *speed* daqxejn sewwa, *high* . . Zamm brake, iva imbaghad skiddja, imbaghad baqa' gej sparat fuqi . . imbaghad tar minn fuq il-mutur . .'

Mistoqsi mill-Qorti ghaliex dak il-hin kien wieqaf jirrispondi:

'Ghax kont niezel bil-mod jien hemm hekk ghax triq qeghdha f'kantuniera u trid toqghod b'seba' ghajnejn, m'hemmx dik it-triq, qed tifhem, li tara kollox fic-car.
Qorti: Lilu rajtu gej?
Xhud: Ilmahtu ezatt fuqi.'

A fol. 208 tal-process jinsab l-affidavit tal-intimat fejn dwar kif sehh l-incident jixhed kif isegwi:

'Illi niftakar li waqt li kont niezel minn Triq Qasam San Pawl f'Kercem u cioe' it-triq fejn eventwalment sehhet il-habta, rajt zewg vetturi pparkjati miz-zewg nahiet tat-triq. . . ghalhekk minhabba l-pozizzjoni ta' dawn iz-zewg vetturi, ma kienx possibbli li jghaddu zewg vetturi mill-ispazju bejniethom. Peress li mill-faccata ma kienux gejjn vetturi, jiena komplejt ghaddej bil-mod minn bejn dawn iz-zewg vetturi u kien biss fil-mument li jiena wasal biswit il-karozza BBF 693 li tfacca l-mutur tal-attur minn wara l-kantuniera u baqa' diehel gewwa l-vettura tieghi. Infatti jiena malli lmaht lill-konvenut gej ghal fuqi, jiena waqaft kompletament u filwaqt li l-konvenut baqa' diehel gol-vettura tieghi, is-sewwieq ta' warajh ghadda minn bejn l-ispazju li kien hemm bejn il-vettura tieghi u t-truck li kien ipparkjat man-naha l-ohra tat-triq. . . dan kollu gara go temp ta' ftit sekondi u dana peress li fil-mument li jiena kont ser nghaddi minn bejn iz-zewg vetturi li kien hemm ipparkjati jiena kelli *plain view* u ma kien hemm l-ebda vettura quddiemi. Infatti kont

ghaddej b'velocita baxxa, anzi nghid kwazi kwazi kemm kemm nimxi u kien l-attur li kien qed isuq b'velocita' eccessiva. Infatti jien x'hin rajt lill-mutur gej ghal fuqi ffrizajt ghax ma stajt naghmel xejn, hlief li nwaqqaf il-vettura tieghi. Infatti huwa applika l-brejkijiet fil-mument li huwa lemahni u baqa' jitkaxkar sa ma' habat mal-vettura tieghi u bid-daqqa l-attur tar ghal fuq il-karozza tieghi u l-mutur spicca fuq il-genb tat-triq. Nghid ukoll li ghalkemm l-attur kien wasal f'liwja, huwa lanqas daqq il-horn u baqa' gej bi *speed* daqs li kieku kellu triq b'vizwali cara quddiemu.'

Fil-kontro-ezami tieghu a fol. 304 et seq tal-process l-intimat jixhed kif isegwi:

'Avukat:
U biex inti tiskapula l-vettura li kien hemm ipparkjata mal-genb tieghek, ridt taqla' 'il barra aktar, naqblu?
Xhud: Jien ma kellix fejn immur hux, bilfors irrid naqla' t-trukk ta' mal-genb biex nghaddi, nibqa' sejjer . . . u fis-siegha u l-hin nara mutur gej fuqi u jien waqaft u xxukkjajt ruhi x'hin rajtu gej fuqi . . ghal nofs it-triq rajtu jiena gej. . . Jiena x'hin qbadt il-vetturi, kien ghadu m'hu gej . . , imbaghad 'xhin qbadt il-vetturi nara mutur gej fuqi.'

Mistoqsi jekk ghamilx xi haga qabel qabad iz-zewg vetturi jghid li le baqa niezel ghall-affari tieghu. (fol. 308)

5. Illi dwar l-ispazju li kien hemm bejn il-vettura tal-intimat u t-trakk ipparkjat l-attur isostni li l-konvenut imblukkalu t-triq. Ix-xhud Mark Anthony Camilleri kkwotat aktar 'il fuq ikkonferma li huwa kkontrolla l-mutur u ghadda mill-ispazju li kien hemm. L-istess ghamel ix-xhud l-iehor Vincent Xuereb fejn a fol. 14 tal-process jghid kif isegwi:

'Meta sehh l-incident jien naqqast il-velocita' b'mod li gibtha kwazi *dead slow* sa x'hin wasalt hdejn il-karozza u ghaddejt bil-mod bejn il-karozza u t-trakk. Mark Anthony ghadda billi kellu cans jikkontrolla ahjar il-mutur tieghu billi hu wkoll ra l-incident isehh quddiem ghajnejh ghalkemm kif spjegajt hu kien isuq fuq in-naha ta' quddiem ukoll.'

Ghalkemm dan ix-xhud jghid fl-affidavit tieghu li huwa x'hin ra l-vettura tal-intimat din ma kinitx qed timblokka t-triq, fix-xhieda fl-atti tal-kriminal a fol. 97 tal-process kif ukoll fil-kontro-ezami (fol. 236)

kkonferma li huwa ma kienx f'posizzjoni li jara l-vettura qabel l-incident.

A fol. 100 dan ix-xhud isostni li huwa ra l-mutur tal-attur u ta' Mark Anthony Camilleri rahom mexjin hdejn xulxin izda hu kien warajhom. Jikkonferma illi:

'Jien kull ma rajt il-karozza u passagg wiehed mnejn jghaddi mutur.'

Ix-xhud Mark Anthony Camilleri a fol. 103 tal-process fl-atti kirminali jixhed illi spazju bejn il-vettura tal-intimat u t-trakk ipparkjat kien hemm 'kemm jghaddi mutur u forsi ftit on the sides. . . metru u ftit.'

Fi kwalunwke kaz l-ispazju li kien hemm bejn il-vettura tal-intimat u t-trakk ipparkjat u minfejn irrizulta li fil-fatt ghadda mill-anqas mutur wiehed misjuq minn Mark Anthony jidher car fir-ritratt a fol. 209 tal-process.

6. Dwar il-vizwali li kellhom iz-zewg sewwieqa fil-hin tal-incident in vista tal-fatt li l-incident sehh f'liwja fit-triq in kwistjoni PS 559 Jason Spiteri fix-xhieda tieghu fl-atti kriminali li jinsabu wkoll esebiti fl-atti odjerni jispjega illi 'milli niftakar hemm vizwali ta' cirka hmistax ghall-ghoxrin metru (15-20m) rigwardanti ghal kull naha." (Fol. 124).

Ix-xhud Vincent Xuereb fl-atti kriminali a fol. 95 tal-process xehed:

'Gejja karozza faccata, il-karozza kienet f'nofs ta' triq peress li z-zewg nahat, karozzi pparkjati, u minghajr hadd ma jara lil xulxin, la mera m'hemm, m'hemm xejn, u spicca ma rawx lil xulxin, u gew ezatt ma' xulxin; ma nafx kif imma biex jghaddi mutur wiehed kien hemm mnejn jghaddi.'

Ix-xhud Mark Anthony Camilleri a fol. 105 xehed kif isegwi:

'Ghax hu hemm it-triq as such ma tantx fiha bini. Il-bini li hemm ezatt kif tasal ma' dil-liwja. Hi lanqas hi kantuniera proprja; aktar liwja tigi ghat-tul. Qed tifhem? Allura inti, jekk inti tkun fuq in-naha tal-left tat-triq, nghid ghalija, int u gej lejn din it-triq, jekk il-liwja ghat-tul, ma tarax min gej . . . X'hin tasal certu distanza li tkun tista' tidher . . tara. Jiena, li grali jien nhsadt imma ma ghafaxts il-brejk b'tali mod illi llokkja l-brejk,

li telaqli l-mutur minn wara, rajt minn fejn nista' nghaddi u bqajt ghaddej.'

Jikkonferma wkoll li ma sema' l-hadd idoqq il-horn dak il-hin.

7. Marki tal-brejk:

Dwar l-attur jirrizulta mill-iskizz (fol. 36) u anki mix-xhieda okulari u tas-Surgent PS Jason John Spiteri illi huwa kellu '*brake mark*' ta' 9.5 metri li bl-ebda mod ma gew kontestati. L-istess xhud jikkonferma li l-vettura tal-intimat ma halliet l-ebda '*brake marks*'.

8. Velocita':

Illi l-intimat isostni li l-attur kien qed isuq b'velocita' eccessiva. Min-naha l-ohra x-xhieda mressqa mill-attur kollha jaghtu verzjoni differenti tal-velocita' li kienu ghaddejjin bih. L-istess attur fid-diversi verzjonijiet li ta indika velocitajiet diversi li jvarjaw bejn 30 km fis-siegha ghal 50 km fis-siegha. Il-Qorti nnutat izda li mkien mill-atti ma jirrizulta li f'xi mument l-attur, meta kien riesaq lejn il-liwja fit-triq fejn sehh l-incident, li huwa b'xi mod prova jnaqqas l-velocita' tieghu anzi jsostni li huwa baqa' sejjer ghaliex haseb li tal-karozza kien ser jiqaflu:

'Ghax jien lilu hsibtu ha jieqaf hu. Ma waqafx u baqa' gej ghal fuqi. Imbaghad brejkjajt.' (fol. 215).'

Ghalhekk jirrizulta li kwalunkwe velocita' li kien ghaddej bih l-attur huwa ma naqqasx x'hin resaq lejn il-liwja sabiex jara ahjar dak li gej min-naha l-ohra u jkollu cans jiehu azzjoni izda baqa' ghaddej sahansitra meta ra li kienet gejja vettura li setghet b'xi mod taghlaqlu t-triq u kien biss wara x'hin dehrlu li ma kienx ser jghaddi li ddecieda li jiehu *brake* tant qawwi li l-mutur skiddja ghal fuq il-vettura u l-attur tar ghal fuq il-vettura u spicca wara l-istess.

9. Dwar x'wassal li l-attur habat mal-konvenut jirrizulta mix-xhieda li l-kawza proprja kienet il-fatt li malli l-attur ha *brake* huwa tilef il-kontrol tal-mutur ghax illukkjatlu r-rota ta' wara, il-mutur tieghu skiddja tul ta' metri filwaqt li resaq lejn il-lemin u baqa' diehel gol-vettura mill-wisgha tieghu. Dan jikkonfermah kemm l-attur kif ukoll l-intimat. Ix-xhud Vincent Xuereb ukoll xehed illi kieku l-mutur ma skiddjax ma kinux

jahbtu (fol. 99). L-istess inghad mix-xhud Mark Anthony Camilleri kif gia kkwotat aktar 'il fuq.

**Responsabbilta' tal-incident:**

Illi fic-cirkustanzi hawn suesposti l-Qorti tqis li l-kwistjoni kollha tirrivolvi ruhha dwar jekk il-partijiet kienux qed izommu 'proper look-out' filwaqt li kienu qed isuqu l-vetturi taghhom qabel ma sehh l-incident. Mil-lat ta' gurisprudenza ssir referenza ghal dak li jsegwi:

Fil-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 3 ta' Lulju, 2008 (Citazz. Nru: 1076/05FS) fl-ismijiet **Godfrey Ciangura vs Carmen German** dik l-Onorabbli Qorti ddikjarat kif isegwi:

'Jigi rilevat li sewwieq ikun ikkontribwixxa ghall-incident jekk ma jkunx zamm "proper lookout'.

Fil-kaz **Dr. Louis Bianchi noe vs Michelle Cassar**, deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fis-6 ta' Novembru 1998, inghad li:

'tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-duttrina u fil-gurisprudenza estera u lokali, in materja ta' incidenti ta' traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investimenti ta' vetturi, jigifieri . . . hu anke dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunikament tissejjah "*a reasonable look-out*" liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragonevolment vizibbli.'

Dwar in-nozzjoni tal-*proper lookout* jinghad fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Debattista**:

'Gie appropositu ritenut li hu dover ta' driver '*to see what is in plain view*' (Appell Kriminali: Il-Pulizija vs Joseph Vella [10/08/1963] u li 'min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout' (Appell Kriminali: Il-Pulizija vs J.M. Laferla [17/06/1964]). Illi fi Newhaus N.D. vs Bastion Insurance Co. Ltd (1968), il-Qrati kienu rritenew illi:

"Keeping a proper lookout means more than the looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."

Fis-sentenza fl-ismijiet **Untours Insurance Agency Limited pro et noe vs Etienne Saliba et** gew ampjament spjegati z-zewg regoli kardinali tas-sewqan, ossia li hija regola generali, fi kwestjonijiet ta' stharrig ta' responsabbilita', li kull sewwieq irid ihares zewg regoli ewlenin, jigifieri li, fl-ewwel lok, dawn ghandhom jirregola s-sewqan tieghu skont ic-cirkostanzi kollha tal-inhawi fejn ikun (maghduda maghhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-hin u l-kundizzjonijiet atmosferici), u, fit-tieni lok, sewwieq ghandu jzomm attenzjoni (*"proper lookout")* dwar dak li jkun qieghed isehh fil-qrib jew huwa mistenni li jsehh minnufih.

Fil-kawza fl-ismijiet **Citadel Insurance vs. Jonathan Borg** konfermata ghal dak li hija responsabbilta' mill-Qorti tal-Appell (PS) nhar id-29 ta' Mejju, 2009 jinghad kif isegwi:

'Illi tema legali jigi osservat li, rigwardanti l-mod ta' sewqan meta sewwieq ikun qed jiffaccja liwja fit- triq, gew enuncjati fil-gurisprudenza s-segwenti principji. F'dawn ic-cirkostanzi, is-sewwieq ghandu l-obbligu li jzomm sewwa fuq in-naha tieghu tat-triq u jekk hemm bzonn, isuq fuq *gear* baxx, u anke jdoqq il-*horn* skont il-htiega.

Inoltre, fis-sentenza kif gie rappurtat fil-volum (**Vol.XXX.573; 647):-**

*"In taking a bend, a driver must, besides slackening his speed, drive in such a manner as to have the car under control and thus be able to avoid the dangers which one may encounter when taking a corner."*

Aktar ma tkun kbira l-kisra u aktar ma tkun ristretta l-vizwali tas-sewwieq, akbar ikun l-obbligu tieghu li jassigura li jista' jsuq minghajr perikolu ghat- traffiku li jkun gej mill-faccata.'

Fil-kawza fl-ismijiet **Middlesea Insurance pls vs. Joseph Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell (PS) nhar l-20 ta' Jannar, 2003 inghad kif isegwi:

'Din l-accertazzjoni tal-post tal-incident twassal ghall-osservazzjoni tar-regola li tiddetta li hu dmir fuq kull sewwieq illi meta qed javvicina liwja jew kantuniera ghandu jirrallenta s-sewqan tieghu u b'hekk jahseb ghal kull imprevvist li jista' jiltaqa' mieghu. Jinkombi b'dover fuq kull sewwieq li jirregola s-sewqan tieghu skont il-kundizzjonijiet u c-cirkostanzi u li l-hin kollu jzomm 'a proper look out'. Aktar u aktar imbaghad meta dak li ser jinkontra wara l-liwja jew kantuniera mhux vizibbli ghalih.'

Applikati l-principji suesposti ghall-kaz *de quo* jehtieg li l-Qorti tidhol f'analizi tal-azzjonijiet taz-zewg partijiet sa x'hin sehh l-incident. Da parti tal-intimat il-provi kollha jwasslu sabiex din il-Qorti temmen li fil-fatt l-intimat kien niezel ghal triqtu, miexi fil-parti dritta tat-triq u kien qed javvicina bil-mod il-liwja. Huwa sab quddiemu sitwazzjoni, mhux voluta minnu, fejn kien hemm zewg vetturi mhux zghar ipparkjati fuq kull naha tat-triq b'tali mod li ma kienx possibbli li zewg vetturi ta' daqs normali jghaddu minn bejniethom. L-intimat sabiex jibqa' ghaddej fi triqtu bilfors kellu jaqla' l-*pick up* ipparkjat fuq in-naha tax-xellug tieghu, *pick-up* li mir-ritratt a fol. 209 lanqas kien ipparkjat dritt b'tali mod li sahansitra kien qed jiehu aktar spazju mit-triq minn kemm kien hemm bzonn. Certament wiehed ma jistax jippretendi mill-intimat li jipparkja l-karozza wara l-'pick-up' u jieqaf hemm ghal dejjem ma jmurx tigi xi vettura min-naha l-ohra tat-triq, ghaliex se mai dik kienet l-uniku alternattiva li kellu, alternattiva li zgur mihijiex wahda logika. Jirrizulta li l-intimat kompla miexi bil-mod u hareg 'il barra biex jaqbez il-vettura 'pick-up' filwaqt li ra li ma kien hemm l-ebda vettura gejja mid-direzzjoni opposta, ovvjament sa fejn setghet ittih il-vizwali tal-liwja in kwistjoni. X'hin l-intimat sab ruhu bejn iz-zewg vetturi huwa nnota l-mutur gej minn faccata tieghu ghal fuqu. Malli ra hekk l-intimat ha azzjoni mmedjata billi waqqaf mill-ewwel il-vettura tieghu minghajr ma halla l-ebda sinjal ta' *brake mark*. Dan jevidenzja li huwa minnu li l-intimat kien miexi bil-mod. In oltre, li l-intimat kien wieqaf x'hin sehh l-incident huwa konfermat minn diversi xhieda kif espost aktar 'il fuq. Fil-mument li l-intimat ra lill-attur gej lejh x'hin kien bejn iz-zewg vetturi huwa ma kellu l-ebda triq ohra ghajr li jwaqqaf hesrem il-vettura tieghu. Zgur li ma kellux il-hin li jiehu xi azzjoni ohra bhal per ezempju li jsuq lura. Fil-fatt bosta mix-xhieda jikkonfermaw li l-incident sehh fi ftit sekondi.

Da parti tieghu l-attur jikkonferma li huwa kien qed isuq lejn il-liwja izda mkien ma jirrizulta li huwa xi hin naqqas il-velocita' tieghu ghaliex kien riesaq lejn il-liwja ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li huwa baqa' miexi b'velocita' kostanti nonostante li kien riesaq lejn il-bini u lejn il-liwja li kienet tghatti sew il-vizwal ta' dak li jmiss fit-triq. Din kienet manuvra perikoluza anki mis-semplici fatt li hareg mill-provi li malli taqbez il-liwja it-triq xorta wahda tidjieq anki minghajr vetturi pparkjati. Jirrizulta fi kliem l-istess attur li huwa ra l-vettura tal-intimat izda ma brejkjax mill-ewwel ghaliex assuma li kellu jkun l-intimat li kellu jieqaf. Fi kliem l-attur stess kien hemm distanza ta' madwar sittin jew sebghin

pied meta huwa ra lill-attur ghall-ewwel darba (ara l-affidavit tieghu a fol. 10 tal-process). Kien biss wara li l-attur iddecieda li jiehu azzjoni u jiehu brejk qawwi, brejk li ttiehed b'tali mod li l-mutur tieghu tkaxkar ghal aktar minn disa' metri u habat mal-vettura tal-attur li sa dak il-hin kienet wieqfa.

Din il-Qorti tqis li f'dawn ic-cirkustanzi u mill-assjem tal-provi kollha fl-atti l-intimat kien fil-fatt qed izomm mal-obbligu tieghu ta' *'proper look out'* ghal dak li qed jigri fit-triq, tant hu hekk li malli lemah il-mutur fil-vizwal tieghu huwa kellu cans jirreagixxi u waqaf mill-ewwel. Fl-istess hin tant ma kienx qed isuq b'xi mod negligenti jew traskurat li sahansitra malli l-mutur tfacca quddiemu kellu cans iwaqqaf il-vettura tieghu minghajr ma halla ebda marki ta' brejkijiet. Fil-fatt jirrizulta car li l-vettura tal-intimat kienet wieqfa meta sehh l-incident.

Min-naha l-ohra jirrizulta lil din il-Qorti li kien l-attur li ma kienx qed izomm il-*'proper look out'* mehtiega minnu fic-cirkustanzi tat-triq li kien qed isuq fiha u ma zammx mad-dover tieghu li jnaqqas il-velocita' nonostante li kien qed javvicina l-liwja. Jirrizulta ampjament ippruvat li huwa fl-ebda hin ma naqqas il-velocita' tieghu meta fil-fatt hekk kellu jaghmel meta kien jaf li riesaq lejn il-liwja. In oltre fi kliemu stess sahansitra meta skont hu nnota l-vettura tal-konvenut, huwa xorta ma naqqasx mill-ewwel ghax ippretenda li kellu jieqaf il-konvenut. Kien biss wara li fi kliemu rreagixxa, billi hasad il-brejk tal-mutur, tant li dan mexa oltre disa' metri ohra u habat gol-vettura tal-intimat.

Din il-Qorti hija tal-fehma li anki li kieku kellha temmen il-verzjoni tal-attur u cioe' li l-intimat kien ra lill-attur qabel ma beda jaqbez il-pick up ipparkjat (verzjoni li din il-Qorti taghmilha cara li ma sabet l-ebda bazi fattwali ghaliha fl-atti) la darba l-attur *ex admissis* innota l-vettura tal-attur skont hu meta kienet madwar sittin sebghin pied 'il boghod l-azzjoni li kellu jiehu l-attur ma kinitx li jibqa' sejjer u jispera li jieqaf l-intimat izda kellu certament inaqqas il-velocita' tieghu u jekk kien hemm bzonn jieqaf hu izda dan ma ghamlux. Anzi, anki li kieku ma rax lill-konvenut, la darba l-attur kien riesaq lejn liwja kien obbligu tieghu li jnaqqas il-velocita' izda dan ma ghamlux. Fil-fatt il-mutur li kien qed isuq ezatt wara l-attur, ghaliex kellu aktar konjizzjoni ta' x'kien qed jigri fit-triq ha azzjoni mill-ewwel u rnexxilu jevita l-incident billi ghadda bil-mod minn bejn il-vettura tal-intimat u t-trakk ipparkjat.

Ghalhekk in vista tas-suespost, il-Qorti tqis li r-responsabilita' tal-incident de quo tinkombi unikament fuq l-attur li naqas milli jezercita '*proper look out*' fis-sewqan tieghu fic-cirkustanzi tat-triq li kien qed isuq fiha fosthom li ma naqqasx il-velocita' tal-mutur tieghu ghalkemm kien riesaq lejn liwja fit-triq u konsegwentement ikkawza l-incident u tqis li l-intimat ma kellu l-ebda responsabbilta' ghall-istess incident stante li ma seta' bl-ebda mod ragjonevoli jevita tali incident.

Illi in vista tal-konkluzjonijiet suesposti li jwasslu sabiex it-talbiet tal-attur jigu michuda, m'hemmx lok li din il-Qorti tinoltra ruhha fuq il-kalkolu tad-danni sofferti mill-attur.

**Decizjoni**

Ghar-ragunijiet suesposti, din il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tiddikjara li r-responsabbilta' tal-incident li sehh fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru, 2009 bejn il-mutur Honda KBJ 796 u l-vettura Vauxhall Astra bin-numru ta' registrazzjoni EBA 295 tinkombi unikament fuq l-attur Geoffrey Spiteri u ghalhekk filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tichad it-talbiet kollha attrici.

Bl-ispejjez kollha, eskluzi tal-intervenut fil-kawza kontra l-attur. Din il-Qorti kkonstatat li apparti r-rikors sabiex tintervjeni fil-kawza s-socjeta' Citadel Insurance plc ma hadet l-ebda sehem attiv f'dawn il-proceduri ghajr illi talbet numru ta' differimenti u ghalhekk ma tqisx li l-ispejjez taghha ghandhom jigu sopportati mill-attur u ghandhom jigu sopportati mill-istess socjeta' intervenuta.

(ft.) Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur